32001D0531

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-27 ta' Ġunju 2001
dwar l-istabbiliment tal-Bord Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka

(notifikata taħt dokument nru C(2001) 1656)

(2001/531/KE, Euratom)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni teħtieġ korp indipendenti ta' livell għoli biex tiżdied l-effettività tal-politika Ewropea *RTD*.

(2) Il-korp konsultattiv għandu jiġi kompost minn individwi ta' livell għoli mill-komunità xjentifika, l-industrija, u s-settur tas-servizzi, sabiex jiġu eżaminati kwistjonijiet ġenerali ta' politika ta' riċerka.

(3) Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-Lisbona (Marzu 2000) jiddikjaraw li l-Unjoni trid taħdem lejn l-għanijiet dikjarati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn qasam ta' riċerka Ewroprew".

(4) Il-Kunsill tenna, fis-16 ta' Novembru 200, l-importanza ta' l-istabbiliment ta' korp konsultattiv indipendenti bħal dan mill-Kummissjoni.

(5) Għerf u parir xjentifiku huwa aktar ċentrali għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' politika ta' l-Unjoni Ewropea.

(6) Il-Kummissjoni kkonsultat b' mod miftuħ mal-komunitajiet akkademiċi u industrijali konċernati, dwar il-forma ottima li korp bħal dan għandu jieħu.

(7) Huwa xieraq li tiġi aġġustata s-sistema konsultattiva għall-ħtiġijiet ta' politika fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, partikolarment l-iżvilupp ta' erja ta' riċerka Ewropea, b'rigward sħiħ għall-kompetenzi ta' strutturi konsultattivi tal-Komunità aktar speċifiċi, partikolarment dawk responsabbli għal stima tar-riskju.

(8) Il-Kummissjoni tappoġġja rappreżentazzjoni xierqa ta' nisa f'kumitati konsultattivi u għandha mira ta' 40 % għal parteċipazzjoni ta' nisa f'attivitajiet *RTD*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kumitat konsultattiv, minn issa 'l quddiem riferit bħala "l-Bord Konsultattiv Ewropew għar-Riċerka" (il-Kumitat), huwa stabbilit mill-Kummissjoni. Il-Kumitat għandu jkun korp konsultattiv dwar politika ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku.

Artikolu 2

1. Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar disinn u implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku. F'dan il-kuntest, il-Kumitat se jagħti attenzjoni partikolari lir-realizzazzjoni tal-qasam tar-riċerka Ewropea u l-użu ta' strumenti ta' politika bħal ma huwa programmi ta' qafas ta' riċerka u żvilupp tekonoloġiku tal-Komunità.

2. Sabiex jitwettqu x-xogħlijiet dikjarati fil-paragrafu 1, il-Kumitat għandu, fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew mat-talba tal-Kummissjoni, jagħti opinjonijiet u jipprovdi parir dwar aspetti varji tal-politika ta' riċerka jew żviluppi fix-xjenza u teknoloġija fl-Ewropa u mad-dinja kollha.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Kumitat jerċievi t-tagħrif meħtieġ biex jaqdi xogħlu. F'dan il-kuntest, il-Kumitat għandu jiġi infurmat regolarment bi żviluppi fil-politika ta' riċerka tal-Komunità.

4. Meta mitluba formalment mill-Kumitat, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu lill-Kumitat kummenti bil-miktub dwar l-opinjoni jew il-parir tiegħu. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu wkoll tagħrif regolari dwar l-azzjonijiet ta' segwiment possibbli li jittieħdu.

5. Kull meta l-Kummissjoni titlob l-opinjoni tal-Kumitatista', tista' tfassal limitu taż-żmien li fih trid tingħata din l-opinjoni.

6. Il-Kumitat għandu jżomm pożizzjoni indipendenti dikjarata b'mod ċar u m'għandux jirrappreżenta organizzazzjonijiet xjentifiċi, industrijali jew oħrajn, interessi ta' pajjiżi jew settorjali. Kull meta jkun xieraq, għandu jikkonsulta ma' organizzazzjonijiet bħal dawn.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, il-parir tal-Kumitat għandu jsir pubbliku u magħruf lill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll lill-Istati Membri.

Artikolu 3

1. Il-Kumitat għandu jiġi kompost minn 45 membru, maħtura mill-Kummissjoni f'kapaċità personali. Sabiex tiġi żgurata rappreżentazzjoni kif suppost tad-dinja xjentifika/akkademika, ta' negozju/industrijali u *stakeholders* oħra, kif ukoll indipendenza sħiħa tal-Kumitat, il-proċess tan-nomina jkun kif ġej:

— 20 membru li jirrappreżentaw l-akkademika jiġu nominati fuq il-bażi ta' proposta mill-Fondazzjoni Xjentifika Ewropea (ESF),

— 20 membru li jirraprreżentaw in-negozju u l-industrija jiġu nominati fuq il-bażi ta' proposta mill-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet Industrijali u ta' min Iħaddem ta' l-Ewropea (UNICE),

— ħames membri se jiġu identifikati mill-Kummissjoni.

Il-45 membru se jinħatru f'deċiżjoni waħdanija u l-lista ta' membri tal-Kumitat għandha tiġi pubblikata mill-Kummissjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Il-kompożizzjoni finali tal-Kumitat għandha tirrifletti d-diversità ta' l-Ewropa. Is-sett ta' kriterji li jrid jiġi applikat matul il-proċess ta' nominazzjoni huwa dan li ġej:

— eċċellenza f'riċerka u/jew tmexxija ta' riċerka,

— esperjenza konsultattiva fuq livell Ewropew jew internazzjonali,

— bilanċ fost dixxiplini ta' X u T inkluż persuni b'esperjenza speċifika universitarja ta' industrija,

— bilanċ ġeografiku, fil-waqt li jitqies it-tkabbir ta' l-UE u l-pajjiżi assoċjati mal-qafas ta' programmi,

— bilanċ ta' sess xieraq.

Artikolu 4

Iż-żmien tal-kariga ta' kull membru tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin u għandu jkun jista' jiġġedded darba. Il-membri tal-Kumitat għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm disposizzjoni ssir għas-sostituzzjoni tagħhom jew għat-tiġdid taż-żmien ta' kariga tagħhom.

M'għandhomx jiġu mħallsa l-funzjonijiet tal-membri tal-Kumitat. Spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza għal laqgħat tal-Kumitat, jew għal xi kumitat tax-xogħol imwaqqaf fil-Kumitat, għandhom jiġu koperti mill-Kummissjoni bi qbil mar-regoli u regolamenti amministrattivi korrenti. Bla ħsara għal approvazzjoni minn qabel, spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza għat-tħejjija ta' opinjonijiet jew pariri jistgħu jiġu koperti wkoll mill-Kummissjoni. Dan jinkludi laqgħat bejn membri tal-Kumitat u esperti esterni minn barra Brussel.

Artikolu 5

1. Il-Kumitat għandu jeleġġi *chairperson* u żewġ viċi-*chairpersons*, kull wieħed b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti. B'żieda ma' dan, il-Kumitat għandu jeleġġi ħamsa mill-membri tiegħu, ukoll b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti, li, flimkien maċ-*chairperson* u l-viċi-*chairpersons*, se jiffurmaw il-Bureau tal-Kumitat. Il-kompożizzjoni tal-Bureau għandha tirrispetta l-kriterji speċifikati fl-Artikolu 3(2).

Il-Bureau għandu jorganizza x-xogħol tal-Kumitat.

Għall-għanijiet ta' tħejjija ta' l-opinjonijiet u l-pariri tal-Kumitat, il-Bureau jista' jsaqsi lill-Kummissjoni biex tidħol għal studji jew tikkonsulta barra minn organizzazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ finanzajarju u amministrattiv lis-segretarjat tal-Kumitat, fil-waqt li tiżgura li l-indipendenza tagħha hija garantita totalment.

3. Biex il-Kumitat jiġi megħjun sabiex iwettaq ix-xogħol tiegħu, il-Bureau jista' jistabbilixxi kumitati tax-xogħol li jikkonsistu minn membri tal-Kumitat u, fejn meħtieġ, persuni minn barra. Il-Kumitat u l-kumitati tax-xogħol jistgħu jistiednu esperti sabiex jipparteċipaw fix-xogħol tagħhom. Esperti bħal dawn għandhom jipparteċipaw biss fid-diskussjonijiet ta' l-oġġett għal liema ġew mistiedna. Il-Kummissjoni għandha tkopri l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u sussistenza.

Il-Kumitat għandu jkun jista' jżomm *workshops* jew konferenzi. Bla ħsara għal approvazzjoni minn qabel, il-Kummissjoni għandha tkopri l-ispejjeż ta' dawn l-avvenimenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kumitat b'għodda xierqa għal komunikazzjoni u għal tixrid ta' l-attivitajiet u l-opinjonijiet tiegħu.

Artikolu 6

Il-Kumitat għandu jiltaqa' fuq medja ta' tliet darbiet f'sena. Il-lok regolari fejn jiltaqgħu ikun fuq il-fondijiet tal-Kummissjoni.

Rappreżentanti tal-Kummissjoni se jattendu l-laqgħat tal-Kumitat u tal-kumitati tax-xogħol tiegħu għajr jekk mitluba mod ieħor formalment miċ-*Chairperson* tal-Kumitat.

Artikolu 7

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċeduri.

Artikolu 8

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 194 tat-Trattat tal-*EAEC*, il-membri tal-Kumitat għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li m'għandhomx jagħtu tagħrif li jiksbu permezz tax-xogħol tagħhom fil-Kumitat jew il-kumitati tax-xogħol fejn il-Kummissjoni tinfurmahom li opinjoni jew materja partikolari hija kunfidenzjali.

Membri tal-Kumitat għandhom jastjenu minn diskussjonijiet dwar suġġett li dwaru għandhom kunflitt ta' interess. Għal dan il-għan għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li fiha jiċċertifikaw li j ekk jitqajjem oġġett għad-diskussjoni fl-aġenda fejn ikun jeżisti kunflitt ta' interess, li jkun ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom, huma jgħarrfu liċ-*Chairperson*.

Artikolu 9

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/611/KE, *Euratom* li tistabbilixxi l-*forum* ta' riċerka Ewropea hija hawnhekk imħassra.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

Philippe BUSQUIN

Membru tal-Kummissjoni